V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11206 — BROOKFIELD / OTPP / COMPASS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 316/04)

1. Fid-29 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Brookfield Corporation ("Brookfield", il-Kanada),

— Ontario Teachers' Pension Plan Board ("OTPP", il-Kanada),

— Compass Holdco LLC ("Compass", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Brookfield u OTPP se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Compass.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' kuntratt.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Brookfield hija sid globali u operatur ta' assi reali, li ġeneralment tinvesti fi tliet negozji: ġestjoni tal-assi, soluzzjonijiet tal-assikurazzjoni u negozji operattivi,

— OTTP tamministra l-benefiċċji tal-pensjoni u l-investiment tal-assi tal-pjan tal-pensjoni f'isem madwar 336 000 għalliem attiv u rtirat fil-provinċja Kanadiża ta' Ontario, u

— Compass hija attiva fit-tfassil, il-bini, it-tħaddim u l-ġestjoni kontinwa tas-soluzzjonijiet taċ-ċentru tad-*data* fl-Istati Uniti tal-Amerka, fil-Kanada u fl-Iżrael. Compass toffri teknoloġija taċ-ċentru tad-*data* lill-klijenti li jkunu qed ifittxu soluzzjonijiet ipersi, cloud, intrapriżi, shell, u edge.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11206 — BROOKFIELD / OTPP / COMPASS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË